15.11.2012 A7-0342/ 001-031

**EMENDI 001-031**
mill- Kumitat għas-Sajd

**Rapport**
Pat the Cope Gallagher A7-0342/2012
**Il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar**

Proposta għal regolament (COM(2012)0298 – C7-0156/2012 – 2012/0158(COD))

---

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(3a) Sabiex tkun żgurata l-kontinwità ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni xierqa tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar fil-Baħar l-Iswed, għandu jiġi stabbilit id-daqs minimu tal-ħatt l-art u tal-malji għas-sajd tal-barbun imperjali.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(8a) Fid-dawl tal-parir mogħti mill-STECF, l-għeluq taż-żona biex jiġi protett il-haddock li jkun għadu qed jikber fid-Diviżjoni VIb tal-ICES għandu jinżamm*** |

***kif inhu.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Premessa 11 tinsab f'ordni ħażina. Għandha titqiegħed qabel il-Premessa 9 biex jiġi segwit l-ordni tal-artikoli.*

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Fid-dawl tal-parir mogħti mill-ICES u l-STECF, ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ***fil-Punent tal-Iskozja (id-Diviżjoni VIa tal-ICES), il-Baħar*** Ċeltiku (id-Diviżjonijiet VIIf,g tal-ICES) u l-Baħar Irlandiż (id-Diviżjoni VIIa tal-ICES) biex iħarsu l-istokkijiet tal-merluzz, il-haddock u l-merlangu għandhom jinżammu sabiex jikkontribwixxu għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut. | (9) Fid-dawl tal-parir mogħti mill-ICES u l-STECF, ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ***fil-Baħar*** Ċeltiku (id-Diviżjonijiet VIIf,g tal-ICES) u l-Baħar Irlandiż (id-Diviżjoni VIIa tal-ICES) biex iħarsu l-istokkijiet tal-merluzz, il-haddock u l-merlangu għandhom jinżammu sabiex jikkontribwixxu għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-istokkijiet tal-merluzz, il-haddock u l-merlangu fil-Punent tal-Iskozja ma għandhomx ikunu aktar koperti mir-regoli dwar il-kompożizzjoni tal-qabda (l-Artikolu 29d). Ir-Rockall haddock huwa inkorrettament assoċjat mal-merluzz tal-Baħar Irlandiż VIIa. Ir-Rockall haddock huwa kopert fil-Premessa 11.*

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(11) Fid-dawl tal-parir mogħti mill-STECF, għandu jinżamm kif inhu l-għeluq taż-żona biex jiġi protett il-haddock li jkun għadu qed jikber fid-Diviżjoni VIb tal-ICES.*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Premessa 11 tinsab f'ordni ħażina. Għandha titqiegħed qabel il-Premessa 9 biex issegwi l-ordni tal-artikoli.*

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18a) Fid-dawl tal-parir mogħti mill-STECF fejn jiddikjara li "ma kien hemm l-ebda prinċipju ta' bażi għat-trattament differenti tal-pariti mill- għeżula jew l-għeżula tat-tħabbil fir-rigward tal-Artikolu 9.4", l-użu ta' pariti fis-Subżona IX tal-ICES f'ilmijiet li jkunu fondi aktar minn 200m iżda inqas minn 600m għandu jkun permess.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 1a (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 850/98
Artikolu 2 - paragrafu 1 - punt ha (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Il-punt li ġej jiddaħħal fl-Artikolu 2:*** |
| | ***"(ha) L-ilmijiet kollha tal-Baħar l-Iswed li jikkorrispondu għall-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għas-subżoni ġeografiċi tal-Baħar Mediterran kif definit fir-Riżoluzzjoni GFCM/33/2009/2."*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 2**
Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Artikolu 19a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. Kwalunkwe speċi soġġetta għal kwota maqbuda waqt kwalunkwe attività tas-sajd fir-Reġjuni 1 sa 4 speċifikati fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament għandha tittella' abbord il-bastiment u sussegwentement tinħatt 'l art.*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-dispożizzjoni li hija obbligu li l-qabdiet kollha jitniżżlu l-art qed tiġi diskussa b'mod attiv taħt ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd u peress li, kif hemm imfisser fil-qosor fin-nota spjegattiva, hija l-intenzjoni ddikjarata tal-Kummissjoni li tirrevedi r-Regolament (KE) Nru 850/98 wara u skont ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd li bħalissa tinsab fil-proċess ta' negozjati mhuwiex xieraq li dan l-artikolu jiġi inkluż f'dan l-istadju. Il-miżuri tekniċi proposti huma tranżizzjonali sabiex jippermettu żmien biex jiġi żviluppat qafas ġdid għall-miżuri tekniċi.*

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 2**
Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Artikolu 19a – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Organiżmi tal-baħar li għadhom ma laħqux ċertu daqs għandhom jintefgħu lura fil-baħar immedjatament. Iż-żamma abbord, it-trasbord, it-tniżżil l-art, it-trasportazzjoni, il-ħżin, il-bejgħ, il-wiri jew offerta għall-bejgħ ta' organiżmi tal-baħar li jkunu għadhom ma laħqux ċertu daqs huma pprojbiti.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-miżuri tekniċi proposti huma tranżizzjonali sabiex jippermettu żmien biex jiġi żviluppat qafas ġdid għall-miżuri tekniċi. Fid-dawl ta' dan huwa xieraq li dawn il-miżuri tekniċi tranżizzjonali għandhom jipprojbixxu t-tniżżil l-art ta' organiżmi tal-baħar li ma jkunux laħqu ċertu daqs kif ipprovdut fir-Regolament eżistenti (KE) Nru 850/98.*

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 2**

Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Artikolu 19a – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Organiżmi tal-baħar li huma iżgħar mid-daqs minimu tal-qbid kif definit fl-Anness XII għar-Regolament (KE) Nru 850/98 għandhom jintefgħu lura fil-baħar immedjatament. Iż-żamma tagħhom abbord, it-trasbord, il-ħatt l-art, it-trasport, il-ħażna u l-offerta għall-bejgħ tagħhom hi pprojbita.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan ir-regolament tranżitorju għandu jinkorpora d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 850/98 fir-rigward tat-tnaqqis ta' rimi.*

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 2**
Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Artikolu 19a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 huma mingħajr preġudizzju għall-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament jew fi kwalunkwe regolament ieħor dwar is-sajd.*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan l-artikolu issa m'għandu l-ebda użu minħabba li l-Artikolu (19a 1.) huwa mħassar.*

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 6**
Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Artikolu 29d – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Għandu jkun ipprojbit li titwettaq kwalunkwe attività tas-sajd għall-merluzz***, haddock*** u *merlangu* fil-parti tad-Diviżjoni VIa tal-ICES li tinsab ***fil-Lvant jew fin-Nofsinhar ta' dawk il-linji ta' rombu li jgħaqqdu, b'mod sekwenzjali, il-koordinati li ġejjin u li għandhom jitkejlu bis-sistema WGS84***: | 1.Għandu jkun ipprojbit li titwettaq kwalunkwe attività tas-sajd għall-merluzz u *l-merlangu* fil-parti tad-Diviżjoni VIa tal-ICES li tinsab ***fi ħdan iż-żona li ġejja, li tikkonsisti fir-rettangoli Statistiċi tal-ICES li ġejjin, jew fi kwalunkwe parti minnhom***: |
| ***– 54o30' N, 10o35' W*** | ***– 54o30' N 10o00' W*** |
| ***– 55o20' N, 09o50' W*** | ***– 55o00' N 10o00' W*** |
| ***– 55o30' N, 09o20' W*** | ***– 55o00' N 09o00' W*** |
| ***– 56o40' N, 08o55' W*** | ***– 58o00' N 09o00' W*** |
| ***– 57o00' N, 09o00' W*** | ***– 58o00' N 08o00' W*** |
| ***– 57o20' N, 09o20' W*** | ***– 58o30' N 08o00' W*** |
| ***– 57o50' N, 09o20' W*** | ***– 58o30' N 07o00' W*** |
| ***– 58o10' N, 09o00' W*** | ***– 59o00' N 07o00' W*** |
| ***– 58o40' N, 07o40' W*** | ***– 59o00' N 06o00' W*** |
| ***– 59o00' N, 07o30' W*** | ***– 59o30' N 06o00' W*** |
| ***– 59o20' N, 06o30' W*** | ***– 59o 30' N 06o00' W*** |
| ***– 59o40' N, 06o05' W*** | ***– 59o30' N 05o00' W*** |
| ***– 59o40' N, 05o30' W*** | ***– 60o00' N 05o00' W*** |
| ***– 60o00' N, 04o50' W*** | ***– 60o00' N 04o00' W*** |
| ***– 60o15' N, 04o00' W*** | |

*Ġustifikazzjoni*

*Iż-żona ddefinita mhijiex adattata u jew trid tinbidel jew inkella titneħħa. Din hija bbażata fuq il-kummenti l-aktar riċenti tal-STECF dwar il-Valutazzjoni tal-Pjan ta' Rkupru tal-Merluzz u rigward il-Linja ta' Ġestjoni tal-Punent tal-Iskozja. Iż-żona ddefinita hija wkoll invalidata mill-fatt li l-Kummissjoni introduċiet miżuri ta' emerġenza biex il-haddock jitneħħa mid-dispożizzjonijiet tal-qabdiet inċidentali fiż-żona VIa u ġiet stabbilita qabda totali permessibbli (TAC) ta' zero għall-merluzz fl-2012 fil-VIa. Barra minn hekk ġie muri li din il-linja ma kellhiex l-effett mixtieq li titnaqqas il-mortalità mis-sajd fir-rigward tal-merluzz alavolja kien hemm tnaqqis sinifikanti fl-isforz.*

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 6**
Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Artikolu 29d – paragrafu 3 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. B'deroga mill-paragrafu 1, għandhom ikunu permessi attivitajiet tas-sajd bl-użu ta' xbieki statiċi bil-lasti għall-użu mal-kosta, ħammiela għall-imrewħa, ħammiela għall-masklu, xlief tal-idejn, trejjix mekkanizzat, għeżula tal-mitlaq u tartaruni tax-xtut, nases u kavetti fiż-żoni u l-perjodi speċifikati, sakemm: | 3. B'deroga mill-paragrafu 1, għandhom ikunu permessi attivitajiet tas-sajd bl-użu ta' xbieki statiċi bil-lasti għall-użu mal-kosta, ħammiela għall-imrewħa, ***rkaptu mmirat għall-Aequipecten opercularis,*** ħammiela għall-masklu, xlief tal-idejn, trejjix mekkanizzat, ***għeżula u xbieki tat-tħabbil***, għeżula tal-mitlaq u tartaruni tax-xtut, nases u kavetti fiż-żoni u l-perjodi speċifikati, sakemm: |

*Ġustifikazzjoni*

*L-għeżula u x-xbieki tat-tħabbil kienu jintużaw minn bastimenti żgħar ta' mal-kosta biex jaqbdu l-krustaċji u l-gattarell, il-pollakkju u l-haddock fiż-żona speċifikata fiż-żona VIa qabel il-promulgazzjoni tal-Annes III u tal-Appendiċiijiet tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 43/2009. Dawn ix-xbieki ma jintużawx biex jinqabdu l-merluzz jew il-merlangu u mhu se jkollhom kważi l-ebda impatt fuq dawn l-istokkijiet. Il-haddock m'għadux qabda inċidentali skont il-miżuri ta' emerġenza tal-Kummissjoni u għandu għalhekk jitħalla li jinqabad bl-għeżula. Is-sajjieda ta' mal-kosta li huma involuti qed jitwaqqfu bla bżonn milli jaqilgħu għajxien u f'dawn l-aħħar erba' snin batew ħafna.*

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 6**
Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Artikolu 29d – paragrafu 3 – punt (a)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-ebda rkaptu tas-sajd għajr xbieki statiċi bil-lasti għall-użu mal-kosta, ħammiela għall-imrewħa, ħammiela għall-masklu, trejjix mekkanizzat, għeżula tal-mitlaq u tartaruni tax-xtut, nases u kavetti ma jinġarr abbord jew jintuża; kif ukoll | (a) l-ebda rkaptu tas-sajd għajr xbieki statiċi bil-lasti għall-użu mal-kosta, ħammiela għall-imrewħa, ħammiela għall-masklu, trejjix mekkanizzat, ***għeżula u xbieki tat-tħabbil,*** għeżula tal-mitlaq u tartaruni tax-xtut, nases u kavetti ma jinġarr abbord jew jintuża; kif ukoll |

*Ġustifikazzjoni*

*L-għeżula u x-xbieki tat-tħabbil kienu jintużaw minn bastimenti żgħar ta' mal-kosta biex jaqbdu l-krustaċji u l-gattarell, il-pollakkju u l-haddock fiż-żona speċifikata fiż-żona VIa qabel il-promulgazzjoni tal-Annes III u tal-Appendiċijiet tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 43/2009. Dawn ix-xbieki ma jintużawx biex jinqabdu l-merluzz jew il-merlangu u mhu se jkollhom kważi l-ebda impatt fuq dawn l-istokkijiet. Il-haddock m'għadux qabda inċidentali skont il-miżuri ta' emerġenza tal-Kummissjoni u għalhekk għandu jitħalla li jinqabad bl-għeżula.*

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 6**
Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Artikolu 29d – paragrafu 3 – punt (b)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-ebda ħut għajr sawrell, pollakkju, saithe u salamun, jew frott tal-baħar għajr molluski u krustaċji ma jinżamm abbord, jinħatt jew jittella' l-art. | (b) l-ebda ħut għajr sawrell, pollakkju, saithe, ***haddock, gattarell (Scyliorhinus Canicula)*** u salamun, jew frott tal-baħar għajr molluski u krustaċji ma jinżamm abbord, jinħatt jew jittella' l-art. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-għeżula u x-xbieki tat-tħabbil kienu jintużaw minn bastimenti żgħar ta' mal-kosta biex jaqbdu l-krustaċji u l-gattarell, il-pollakkju u l-haddock fiż-żona speċifikata fiż-żona VIa qabel il-promulgazzjoni tal-Annes III u tal-Appendiċijiet tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 43/2009. Dawn ix-xbieki ma jintużawx biex jinqabdu l-merluzz jew il-merlangu u mhu se jkollhom kważi l-ebda impatt fuq dawn l-istokkijiet. Il-haddock m'għadux qabda inċidentali skont il-miżuri ta' emerġenza tal-Kummissjoni u għandu għalhekk jitħalla li jinqabad bl-għeżula.*

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 6**
Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Artikolu 29d – paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. B'deroga mill-paragrafu 1, għandu jkun permess is-sajd għall-Aequipecten opercularis sakemm:*** <br> ***(a) l-irkaptu għas-sajd li jintuża huwa rkaptu ta' xbieki tat-tkarkir speċjalizzat*** |

| | |
|---|---|
| | ***konfigurat biex jagħżel il-qabdiet tal-ħut (il-limitu l-aktar baxx huwa ta' 60ċm)*** |
| | ***(b) l-irkaptu għas-sajd jinkludi pannell ta' malji kwadri hekk kif deskritt fl-Anness XIVc;*** |
| | ***(c) l-irkaptu tas-sajd huwa magħmul minn malji b'qies minimu ta' 80 mm.*** |
| | ***(d) mhux inqas minn 90% skont il-piż tal-qabda miżmuma tikkonsisti minn Aequipecten opercularis*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 6**
Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Artikolu 29d – paragrafu 5 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-irkaptu tas-sajd użat jinkludi gradilja tat-tqassim skont l-Anness XIVa***;*** jew pannell ta' malji kwadri hekk kif deskritt fl-Anness XIVc***;*** | (a) l-irkaptu tas-sajd użat jinkludi gradilja tat-tqassim skont l-Anness XIVc jew ***taħlita ta'*** pannell ta' malji kwadri hekk kif deskritt fl-Anness XIVc ***u/jew rkaptu selettiv ħafna b'mod ekwivalenti li ġie approvat mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF).*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu – punt 6**
Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Artikolu 29d – paragrafu 5 – punt (d)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) mhux aktar minn 10 % skont il-piż tal-qabda miżmuma tikkonsisti minn xi taħlita ta' merluzz u/jew merlangu;*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-haddock issa rkupra biżżejjed li jista' jerġa' jibda jinqabad, u għalhekk għandu jitħalla barra mir-regoli dwar il-kompożizzjoni tal-qabda; li jwassal għall-estensjoni tal-miżuri attwali*

*ta' emerġenza tal-Kummissjoni, għall-prevenzjoni ta' żieda fir-rimi. Attwalment, hemm qabda totali permessibbli (TAC) ta' zero għall-merluzz b'1.5% qabda inċidentali u b'hekk dawn ir-regoli m'għadx għandhom użu. Ir-Renju Unit introduċa miżuri nazzjonali biex jiżgura l-protezzjoni xierqa tal-merlangu peress li dawn ir-regoli ma għadhomx ikkunsidrati adattati. Il-merluzz u l-melangu t-tnejn qed jirkupraw u għaldaqstant hemm bżonn ta' approċċ rapidu u flessibbli biex jiżgura l-aħjar ġestjoni hekk kif l-istokkijiet jirkupraw mingħajr ma jiżdied ir-rimi.*

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 6**
Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Artikolu 29 d - paragrafu 7 - parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 7. B'deroga mill-paragrafu 1, għandu jkun permess li jsir sajd bix-xbieki tat-tkarkir, tartaruni demersali jew irkaptu simili sakemm: | 7. B'deroga mill-paragrafu 1, għandu jkun permess li jsir sajd bix-xbieki ***fissi***, tat-tkarkir, tartaruni demersali jew irkaptu simili sakemm: |

*Ġustifikazzjoni*

*Ix-xbieki fissi huma rkaptu selettiv li permezz tagħhom ikun possibbli li jkunu mmirati speċi partikolari b'livelli baxxi ta' qabdiet inċidentali. Madankollu, huma l-uniku rkaptu li l-użu tagħhom hu totalment projbit irrelevanti mill-qies tal-malji. L-għeżula li joperaw f'din iż-żona qabel l-projbizzjoni tal-aċċess, b'mod esklussiv, immiraw għall-marlozz, b'rata ta' qabda għall-merluzz, il-haddock u l-merlanga ta' inqas minn 1.5%.*

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 6**
Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Artikolu 29d – paragrafu 7 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***(b) mhux aktar minn 30 % skont il-piż tal-qabda miżmuma tikkonsisti minn xi taħlita ta' merluzz u/jew merlangu;*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-haddock issa rkupra biżżejjed li jista' jerġa' jibda jinqabad, u għalhekk għandu jitħalla*

*barra mir-regoli dwar il-kompożizzjoni tal-qabda; li jwassal għall-estensjoni tal-miżuri attwali ta' emerġenza tal-Kummissjoni, għall-prevenzjoni ta' żieda fir-rimi. Attwalment, hemm qabda totali permessibbli (TAC) ta' zero għall-merluzz b'1.5% qabda inċidentali u b'hekk dawn ir-regoli m'għadx għandhom użu. Ir-Renju Unit introduċa miżuri nazzjonali biex jiżgura l-protezzjoni xierqa tal-merlangu peress li dawn ir-regoli ma għadhomx ikkunsidrati adattati. Il-merluzz u l-melangu t-tnejn qed jirkupraw u għaldaqstant hemm bżonn ta' approċċ rapidu u flessibbli biex jiżgura l-aħjar ġestjoni hekk kif l-istokkijiet jirkupraw mingħajr ma jiżdied ir-rimi.*

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 6**
Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Artikolu 29d – paragrafu 7 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, fid-dawl tal-parir xjentifiku, wara konsultazzjoni mal-STECF, li tadotta atti ta' implimentazzjoni, li jemendaw il-karatteristiċi tal-irkapti speċifikati f'paragrafu 7 fiż-żona definita f'paragrafu 1.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 6**
Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Artikolu 29d – paragrafu 8 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu, u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru, għandu jkun ipprojbit li ssir xi attività tas-sajd bl-użu ta' kwalunkwe wieħed mill-irkapti speċifikati fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perijodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet[1] fiż-żona speċifikata fiż-żona VIa tal-ICES li hi magħluqa billi b'mod sekwenzjali jingħaqdu flimkien bil-linji ta' rombu l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***koordinati li ġejjin:*** |
| | ***- lonġitudni 7°07 W, latitudni 55°25 N,*** |
| | ***- lonġitudni 7°00 W, latitudni 55°25 N,*** |
| | ***- lonġitudni 6°50 W, latitudni 55°18 N,*** |
| | ***- lonġitudni 6°50 W, latitudni 55°17 N,*** |
| | ***- lonġitudni 6°52 W, latitudni 55°17 N,*** |
| | ***- lonġitudni 7°07 W, latitudni 55°25 N;*** |
| | ***Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, għandhom ikunu permessi attivitajiet tas-sajd bl-użu ta' ħammiela għall-arzell u rkaptu mmirat għall-Aequipecten opercularis bejn l-1 ta' Ottubru u l-31 ta' Diċembru.*** |
| | ***Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd fuq il-baħar jew persuna oħra abbord ma għandhomx jikkawżaw jew jippermettu li xi persuna abbord tagħmel xi tentattiv biex tistad, tħott l-art, tittrasborda jew ittella' abbord ħut maqbud fiż-żona speċifikata.*** |
| | ***________________*** |
| | ***[1] ĠU L 348, 24.12.2008, p. 20.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 6**
Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Artikolu 29d – paragrafu 10a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Fid-dawl tal-parir annwali mill-ICES u mill-STECF, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jemendaw il-koordinati taż-żona speċifikata fil-paragrafu 1 biex jiġi rifless il-parir xjentifiku dwar l-istat tal-istokkijiet tal-merluzz u tal-merlangu f'dik iż-żona.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Iż-żona ddefinita eżistenti mhijiex adattata u hija ineffettiva kif diġa' ġie enfasizzat fl-emenda sitta. Skont il-parir mogħti mill-ICES u mill-STECF żona ddefinita ġdida tista' jew ma tistax tkun adattata. L-emendi li ġejjin qed jassumu li dik iż-żona ddefinita ġdida se tiġi stabbilita fid-dawl tal-parir mogħti mill-ICES u mill-STECF. Jekk l-ICES u l-STECF jagħtu parir li żona ddefinita ġdida m'għadhiex valida mela l-Artikolu 29d kollu kemm hu m'għandu l-ebda użu.*

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 9**
Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Artikolu 34a – paragrafu 2 – punt a (ġdid) – inċiż 1 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– ikunu ta' wieħed biss mill-firxiet ta' daqsijiet tal-malji permessi; kif ukoll*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan l-inċiż kien parti meħtieġa tat-test oriġinali li kienet tħalliet barra fil-proposta tal-Kummissjoni.*

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 9**
Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Artikolu 34 b – paragrafu 3 – punt b - parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) Xbieki tat-tħabbil fejn il-qies tal-malji jkun ekwivalenti għal 250 mm jew aktar, sakemm: | (b) Xbieki tat-tħabbil ***u pariti*** fejn il-qies tal-malji jkun ekwivalenti għal 250 mm jew aktar, sakemm: |

*Ġustifikazzjoni*

*Ma għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni inġusta jew inaċċettabbli kontra l-pariti (xbieki bi tlett panelli). Xbieki tat-tħabbil użati għas-sajd tal-klieb il-baħar tal-fond jistgħu joperaw minn fond ta' bejn il-200 u s-600 metru, iżda l-pariti immirati għall-petriċi jistgħu ma jaħdmux, avolja mhumiex qed jistadu għall-klieb il-baħar u allura ma għandhom l-ebda raġuni biex jarmuhom. Għaldaqstant, ma hemm l-ebda raġuni, la minn naħa tal-prattika tas-sajd u lanqas minn naħa tal-opinjonijiet xjentifiċi, biex jiddiskriminaw kontra l-pariti b'dan il-mod.*

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 9**
Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Artikolu 34 b- paragrafu 3 - punt c a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) Pariti fis-Subżona IX tal-ICES b'qies ta' malji ekwivalenti għal 220mm jew akbar, sakemm:*** |
| | ***- jintużaw f'ilmijiet li l-fond tagħhom fuq il-mappa huwa inqas minn 600metru;*** |
| | ***- ikunu ta' mhux aktar minn 30 malja fond, filwaqt li jkollhom proporzjon tad-dendil ta' mhux anqas minn 0.44;*** |
| | ***- ma jkunux armati b'sufruni jew oġġetti oħra li jżommuhom fil-wiċċ;*** |
| | ***- kull waħda għandha tkun ta' tul massimu ta' 5km; it-tul totali tax-xbieki kollha użati f'waqt wieħed ma għandux jaqbeż l-20km għal kull bastiment;*** |
| | ***- il-ħin massimu fl-ilma għandu jkun ta' 72 siegħa.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 9**
Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Artikolu 34 d – paragrafu 11 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, wara konsultazzjoni mal-STECF, li teskludi ċertu sajd, fiż-żoni tal-ICES VIII, IX u X mill-applikazzjoni tal-punti 9.1 sa 9.11, fejn l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri turi li dak is-sajd jirriżulta f'livell baxx ħafna ta' qabdiet inċidentali ta' klieb il-baħar u ta' rimi.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-punt 9 tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 43/2009 għamel dispożizzjoni għall-possibiltà*

*li jiġi eskluż ċertu sajd fiż-żoni tal-ICES VII, IX u X fejn l-informazzjoni pprovduta lill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STEFC) turi li dak is-sajd jirriżulta f'livell baxx ħafna ta' qabdiet inċidentali.*

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 9**
Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Artikolu 34 d – paragrafu 1 - parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Għandu jkun ipprojbit it-tkarkir u s-sajd b'irkaptu statiku, inklużi għeżula tal-qiegħ u konzijiet tal-qiegħ, f'żoni ddelinjati bit-tgħaqqid f'sekwenza tal-linji rombu tal-koordinati sussegwenti, li għandhom jitkejlu skont is-sistema tal-koordinati WGS84: | 1. *Ma taffettwax il-verżjoni Maltija* |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 12**
Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Anness I

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Fl-Anness I, in-nota f'qiegħ il-paġna 6 tat-tabella għandha titħassar. | (12) Fl-Anness I:<br><br>***(a) jiddaħħlu ringieli ġodda fit-tabella kif ġej:*** |

| **Speċijiet fil-mira** | **Id-daqs tal-malja (millimetri)** | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **<16** | **16 sa 31** | **32 to 54** | **55 to 69** | **70 to 79** | **80 to 99** | **≥ 100** |

| | Perċentwal minimu ta' speċijiet fil-mira | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **95** | **90/60** | **60** | **30** | **90/60** | **90** | **35** | **30** | **70** | **None** |
| ***Myctophiformes*** | ***x*** | | | | | | | | | |
| ***Stomiiformes*** | ***x*** | | | | | | | | | |

***(b)*** in-nota ta' qiegħ il-paġna 6 hija mneħħija.

*Ġustifikazzjoni*

*Fin-nuqqas ta' daqs speċifikat, id-daqs tal-malja għall-ispeċijiet mhux koperti fit-tabelli ta' 850/98 huwa ta' 100mm. Biex tiġi evitata l-istess problema li nqalgħet fir-rigward tal-minfaħ fejn kien meħtieġ li tiġi introdotta emenda speċifika. Din l-emenda tipprovdi daqs tal-malja xieraq għal pelaġiċi żgħar oħra tal-ordnijiet Myctophiformes u Stomiiformes.*

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 - punt 12 a (ġdid)**
Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Anness II

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) Fl-Anness II, jiddaħħlu ringieli ġodda fit-tabella kif ġej:*** |

| **Speċijiet fil-mira** | **Id-daqs tal-malja (millimetri)** |
|---|---|

| | 16 sa31 | | 32 sa 54 | | 55 sa 59 | | 60 sa 69 | ≥ 70 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Perċentwal minimu ta' speċijiet fil-mira** | | | | | | | |
| | **50%** | **90%** | **90%** | **90%** | **30%** | **70%** | **70%** | **Xejn** |
| ***Myctophiformes*** | | ***x*** | | | | | | |
| ***Stomiiformes*** | | ***x*** | | | | | | |

*Ġustifikazzjoni*

*Fin-nuqqas ta’ daqs speċifikat, id-daqs tal-malja għall-ispeċijiet mhux koperti fit-tabelli ta’ 850/98 huwa ta’ 100mm. Biex tiġi evitata l-istess problema li nqalgħet fir-rigward tal-minfaħ fejn kien meħtieġ li tiġi introdotta emenda speċifika. Din l-emenda tipprovdi daqs tal-malja xieraq għal pelaġiċi żgħar oħra tal-ordnijiet Myctophiformes u Stomiiformes.*

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 13 a (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 850/98
Anness XII

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) Fl-Anness XII, ġiet miżjuda kolonna ġdida għar-Reġjun 9 għall-ispeċi Barbun Imperjali (Psetta maxima) b'daqs minimu ta' 45ċm.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 13 b (ġdid)**
Ir-Regolament (KE) Nru 850/98
Anness XII

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13b) Fl-Anness XII, fit-tabella, ir-ringieli li jikkorrispondu għall-inċova huma*** |

***sostitwiti b'dan li ġej:***

***"Inċova (Engraulis encrasicolus)***

***Iż-żona kollha, minbarra ICES IXa lvant mil-lonġitudni 7° 23' 48" W: l2-il ċm jew 90 ħuta għal kull kilo***

***ICES IXa lvant mil-lonġitudni 7° 23' 48" W: 10 ċm"***

*Ġustifikazzjoni*

*Ekwivalenza tad-daqs minimu f'termini ta' numru ta' ħut tista' jissemplifika l-ħidma abbord u jiffaċilita l-kontroll waqt il-ħatt l-art. Din id-definizzjoni ġiet proposta mill-korpi xjentifiċi kompetenti u ġiet appoġġjata mill-Kumitat għall-Istima tar-Riskji tan-Nofsinhar (RAC) sa mill-2010 (opinjoni 26).*